# **Tribunal Industrijali**

Kaz Numru 2193AD

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Francesca Chetcuti

u

Chemimart Limited
Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ingiusta

Data: 10 ta' Marzu 2005

Chairperson: Av. Dr. Audrey Demicoli

## **Introduzzjoni**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal mill-appelanti Francesca Chetcuti permezz ta' Rikors prezentat fis-17 ta' Mejju 2004 fejn sostniet li t-tkeccija taghha mill-impjieg mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni valida u skond il-ligi. Is-socjeta intimata min-naha l-ohra sostniet li kienet l-appellanti li abbandunat l-impjieg u mhux hija li kecciatha. Is-socjeta' intimata ssostni wkoll li anki jekk ghal grazzja tal-argument kellu jitqies li l-appellanti tkecciet mill-impjieg, tali tkeccija hija gustifikata stante illi l-appellanti mhux biss naqset milli tattendi ghax-xoghol izda fl-istess hin tat ragunijiet konfliggenti jew inveritieri ghal tali nuqqas. It-Tribunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta' initmata, zamm erba' (4) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri taghhom.

## **Fatti tal-Kaz**

Fit-12 ta' Marzu 2003 l-appellanti giet impjegata bhala *salesgirl* mas-socjeta' intimata izda hija kienet taghmel ukoll xoghol ta' *beauty therapist*. Fl-ahhar ta' Frar tas-sena 2004 Reginald Fava, li huwa l-*Managing Director* tas-socjeta'

intimata, kien cempel fil-fergha ta' Tas-Sliema fejn kienet tahdem l-appellanti, tkellem maghha u staqsiha jekk hija kienitx disposta li tiehu gimgha *vacation leave* il-gimgha ta' wara. L-appellanti accettat u Reginald Fava ghalhekk ta struzzjonijiet lil *branch manager* Adrian Mifsud sabiex jikkoncedi gimgha *leave* lilll-appellanti u saru l-arrangjamenti sabiex hija tigi rimpjazzata tul dik il-gimgha li kienet ser tkun bil-*leave*. L-appellanti bdiet il-*leave* nhar it-Tnejn 1 ta' Marzu 2004. Dawn huma prattikament l-unici fatti li hemm qbil dwarhom ghaliex dwar il-fattii li ssussegwew hemm hafna diskrepanzi bejn il-verzjoni moghtija mill-appellanti min-naha wahda u dik moghtija mis-socjeta' intimata min-naha l-ohra u ghal din ir-raguni dawn iz-zewg verzjonijiet sejrin jigu riportati qabel ma jigu kkunsidrati ulterjorment. L-appellanti ssostni li b'gimgha *leave* hija kienet fehmet li kellha mit-Tnejn 1 ta' Marzu 2004 sat-Tnejn 8 ta' Marzu 2004 (iz-zewg granet inkluzi) u ghalhekk hija kienet minghaliha li kellha tirritorna lura ghax-xoghol it-Tlieta 9 ta' Marzu 2004. Is-socjeta' intimata min-naha l-ohra tirritjeni li gimgha *leave* kienet tikkomprendi sitt ijiem *leave* u cioe' mit-Tnejn sas-Sibt u ghalhekk l-appellanti kienet tenuta tirritorna lura ghax-xoghol il-gurnata tat-Tnejn 8 ta' Marzu 2004. Mill-provi rrizulta li meta l-*Manager* tal-*branch* ra li l-appellanti kienet ghadha ma dahlitx ghax-xoghol sad-9.05am dan cempel lil Reginald Fava u nfurmah. Dan tal-ahhar jghid li huwa cempel lill-appellanti sabiex jivverifika il-ghala hija ma kienitx dahlet ghax-xoghol u jghid li l-appellanti rrisponditu li kienet bil-*leave* dakinhar u meta huwa qalilha sabiex tidhol ghax-xoghol hija rrispondiet li ma kienitx disposta taghmel hekk u huwa qalilha li jekk hi ma kienitx ser tirritorna ghax-xoghol dakinhar setghat ma tergax tmur aktar. Huwa jsipjega li f'dak l-istadju l-appellanti ghamlet referenza ghal xi ncident dwar xi xugamani li kien inqala' precedentement u qaltlu li kienet iddejqet u li ma kienitx sejra lura ghax-xoghol. Dan ix-xhud isostni wkoll li wara li ghadda ftit tal-hin kienet cemplet omm l-appellanti u nfurmatu li din tal-ahhar kienet marida u ghalhekk ma setghatx tmur lura ghax-xoghol. L-applelanti min-naha l-ohra ssostni li hija kienet ma tiflahx il-Hadd u kienet marret ghand it-tabib taghha it-Tnejn filghodu akkompanjata minn ommha u waqt li kienet hemm irceviet telefonata minghand in-nannu taghha li kien qieghed id-dar fejn dan qalilha li kienu cemplulha mix-oghol. Hija tghid li f'dak l-istadju cemplet lil Reginald Fava waqt li kienet ghadha ghand it-tabib u wara li nfurmatu li kienet bil-*leave* qaltlu wkoll

li hija kienet ma tiflahx u ghalhekk ma setghatx tidhol ghax-xoghol. Jidher li aktar tard fil-gurnata l-appellanti u ommha marru fl-ufficcju tas-socjeta' intimata sabiex jippruvaw ikellmu lil Reginald Fava izda dan tal-ahhar irrifjuta li jkellimhom.

Is-socjea' intimata esebiet kopja tal-applikazzjoni sottomessa mill-appellanti ghal *vacation leave* (Dok. RF1 esebita fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2004, liema appliakzzjoni hija debitament iffirmata kemm mill-appellanti, kif ukoll mill-*Manager* tal-*branch* u mill-*Managing Director* fejn hemm indikat li l-appellanti kienet qed tinghata sitt ijiem *vacation leave* u gew indikati d-dati tal-1 ta' Marzu 2004 sas-6 ta' Marzu 2004. L-appellanti tispjega f'dan ir-rigward li hija kienet iffirmat din il-formola meta d-dettalji kienu ghadhom ma ntlewx u cioe' meta din kienet vojta. Adrian Mifsud, li huwa l-*Branch Manager,* filwaqt li jikkonferma li d-dettalji fuq il-formola relattiva kien imlihom hu, jghid li l-appellanti kienet iffirmat il-formola wara li huwa kien mela dawn id-dettalji u mux qabel. Felicity Chesworth, li hija mpjegata ohra tas-socjeta' intimata u li kienet tahdem fl-istess *branch* mal-appellanti, tghid li s-Sibt 6 ta Marzu 2004 hija kienet ltaqghet mal-appellanti Paceville u din kienet staqsitha jekk kellhiex tidhol ghax-xoghol it-Tnejn jew it-Tlieta. Chesworth issostni lli hija kienet irrispondiet li ma kienitx taf izda qaltilha li l-persuna li kienet marret tissostitwiha ma kienitx diehla t-Tnejn. L-appellanti tichad li hija kienet ltaqghet ma Chesworth u li kienet staqsitha xi haga anzi tghid li hija f'dik il-gimgha li kienet bil-*vacation leav*e kienet marret tixtri mill-hanut fejn kienet tahdem u li kieku kellha xi dubju dwar meta kellha tirritorna lura gahx-xoghol hija certament kienet tivverifika mal-*manager* f'din l-okkazzjoni u ma kellhiex ghalfejn toqghod tistaqsi lil Chesworth.

**<u>Konsiderazzjonijiet u Konkluzjonijiet</u>**

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet fil-kaz odjern u, ghalkemm kif diga' ntqal aktar il-fuq, hemm hafna diskrepanzi dwar uhud mil-fatti, jista jigi stabbilit li effettivament kien hemm malintiz bejn l-appellanti u s-socjeta' intimata dwar kemm kienu il-granet tal-*vacation leave* li kellha tiehu l-appellanti. M'huwiex kontestat li l-inizjattiva sabiex jittiehed il-*leave* ittiehdet mis-socjeta' initmata fis-sens li kienet din tal-ahhar li ssuggeriet lill-appellanti sabiex tiehu l-*leave* u din tal-ahhar accettat. Huwa ghalhekk plawzibbli li l-appellanti

fehmet li kellha tirritorna lura ghax-xoghol it-Tlieta u mhux it-Tnejn kif kien l-intendiment tas-socjeta' intimata. Fil-fehma tat-Tribunal l-appellanti zbaljat meta hija ma vverifikatx dwar meta kellha tidhol lura ghx-xoghol una volta li kellha dubju, kif jirrizulta li kellha mix-xhieda ta' Feliciry Chesworth.

It-Tribunal jidhirlu wkoll li ma jistghax jitqies li l-appellanti abbandunat l-impjieg kif qed issostni s-socjeta intimata. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaccetta l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellanti anki ghaliex din il-verzjoni giet korroborata minn xhud indipendenti, u cioe' Dr. Peter Micallef, li huwa t-tabib kuranti tal-appellanti. Dan ix-xhud fil-fatt ikkonferma li l-appellanti kienet cemplet lil Reginald Fava waqt li kienet quddiemu, u dan wara li cempel in-nannu taghha fuq il-*mobile phone* biex jghidilha li kienu cemplulha mix-xoghol, u l-appellanti kienet qaltlu (lil Reginald Fava) li kienet ma tiflahx u li dakinhar ma setgahtx tidhol ghax-xoghol. M'hemmx dubju li l-appellanti kienet certifikata bhala marida il-gurnata tat-Tnejn 8 ta' Marzu 2005, dan jirrizulta kemm mic-certifikat rilaxxjat mit-tabib tal-*polyclinic* rilaxxjat fis-7 ta Marzu 2004 kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Peter Micallef, u ghalhekk kieku hija verament kienet taf li ma kienitx bil-*vacation leave* dakinhar kienet iccempel u tirraporta *sick* u mhux taqbad u ma tmurx ghax-xoghol. Is-socjeta' intimata kienet gustifikata li tivverifika r-raguni il-ghala l-appellanti ma kienitx dahlet ghax-xoghol fit-8 ta' Marzu 2004 izda una volta li gie stabbilit li l-appellanti kienet fehmet li kient bil-*vacation leave* f'dik il-gurnata u una volta li gie wkoll stabbilit li hija kienet ma tiflahx, is-socjeta' intimata ma kienitx gustifikata li timponi fuq la-ppellanti li tirritorna lura ghax-xoghol dak il-hin stess u fin-nuqqas hija setghat ma tmurx aktar. Dan certament jammonta ghal terminazzjoni tal-impjieg da parti tas-socjeta'  intimata.

Fil-fehma tat-Tribunal l-appellanti zbaljat meta hija ma vverifikatx adegwatament dwar kemm kienu ezattament il-granet li hija giet mitluba tiehu bhala *vacation leave* u dwar meta hija kellha tirritona lurra ghx-xoghol izda certament din ma tistghax titqies bhala raguni sufficjenti u valida skond il-ligi sabiex jigi terminat l-impjieg taghha. Dan jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt li l-appellanti qatt ma kienet inghatat *warnings* precedentement u anki tal-fatt li l-*Managing Director* tas-socjeta' intimata stess qal li huwa kien kuntent bil-moghod kif kienet tahdem l-appellanti.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet premessi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-impjieg tal-appellanti mas-socjeta intimata ma giex terminat ghal raguni gjusta u sufficjenti skond il-ligi. Ic-cirkostanzi tal-kaz ma jimmeritawx li jkun hemm *re-instatement* u ghalhekk it-Tribunal qed jiffissa kumpens fl-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00), liema ammont ghandu jithallas mis-socjeta intimata lill-appellanti sa zmien gimghatejn mill-llum.

Ghall-iskopijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijet fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**